KLR 6/VI/2009

Minuti tal-laqgħa b'urġenza li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tlieta 29 ta' Settembru 2009 fil-17.30.

PREŻENTI:- Is-Sindku, l-Av. Samuel Azzopardi, il-membri Dr. Michael Portelli, Josef Schembri u Carmel Theuma u s-Seg. Eżekuttiva Miriam Attard.

SKUŻATI:- Il-Viċi Sindku Marcel Tabone u l-membri Joseph Debrincat u Michel Buttiġieġ.

## 1. Triq Vajrinġa

Is-Sindku għarraf lill-preżenti li sejjaħ din il-laqgħa minħabba s-sinjal tat-traffiku li sar fi Triq Vajrinġa fejn ir-residenti tat-triq jistgħu jgħaddu bil-vettura tagħhom waqt li t-triq tkun magħluqa biex jidħlu jew joħroġu t-tfal mill-iskola primarja. Tenna li nqalet problema meta resident ħareġ bil-vettura tiegħu waqt li kien hemm it-tfal għall-iskola. Wara diskussjoni qasria l-membi unanimament qablu li t-tabelli eżistenti jinqalgħu imedjatament u jintalab lill-Awtorita' Dwar it-Trasport (ADT) sabiex dan il-permess jiġi rtirat.

## 2. *Christams Village*

Is-Sindku propona li bejn it-22 u d-29 ta' Novembru 2009 tiġi organiżżata *Christmas Village* fi Pjazza San Ġorġ. F'din il-pjazza ma hemmx problema tat-traffiku u pparkjar. Il-membri qablu ma dan u l-materja ser tiġi diskussa aktar fid-dettal fil-laqgħa li jmiss.

## 3. Materji oħra

Il-membri qablu li :-

3.1 jintalab il-parir ta' GaleaCurmi Eng. Consultants Ltd. sabiex isir dawl ġdid fit-triq ta' wara The Duke;
3.2 tinżamm multa fuq il-kuntratt tal-*litter bins* minħabba l-fatt li ta' Triq taħt Putirjal mhux qed jitbattlu sa kmieni filgħodu u m'humiex jitnaddfu minn barra;
3.3 jiġi ordnat *high-up* sabiex jinżabbru s-siġar tal-*playing field*. Il-kunsillier Theuma qal li jista' javviċina persuna li hi ntiża fuq dan ix-xogħol. Il-membri qablu;
3.4 jiġi rrappurtat lid-Direttur għal Proġetti u Żvilupp sabiex titnaddaf is-*soft area* ta' Triq l-Imġarr bejn ir-rażżett ta' Bendu u l-MMU.

Il-laqgħa spiċċat fis-18.30.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Seg. Eżekuttiva |